MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CAROL PERALTA**

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2013

Numru. 744/2013

**PULIZIJA**
**SPETTUR KYLIE BORG**

**VS**

**ANTONIO ANDOLFO**

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Antonio Andolfo, detentur tal-Karta tal-Identita` Taljana tan-numru AR 3685336.

**Akkuzat talli:**

Nhar l-4 t’Awwissu 2013:

1. Ikkommetta serq ta` vettura BMW X5 bin-numru ta` registrazzjoni DZ475PH ta` valur ta` izjed minn elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin ewro sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), ghad-dannu ta` Alice A. Pisano liema serq huwa aggravat bil-valur;

2. U aktar talli laqa` ghandu hwejjeg misruqa u cioe` BMW X5 bin-numru ta` registrazzjoni DZ475PH, mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat, sew jekk dan isir f’malta jew barra minn Malta jew xjentement b’kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom.

Wara li rat l-Artikolu 267, 334 (a) u 370 (3) (a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta;

Wara li semghet il-provi prodotta u ezaminat id-dokumenti esibiti;

Wara li hadet in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz:

**Ikkunsidrat:**

Illi dina l-kawza titratta dwar vettura tal-marka BMW X5 bin-numru tar-registrazzjoni DZ475PH, illi, waqt illi inkriet gewwa Sqallija lill-terzi, ingabet Malta mill-imputat allegatament u giet abbandunata barra l-bieb tal-port fejn jidhol il-katamaran minn Pozzallo, fuq in-naha tal-lemin. Skont l-imputat huwa gie imqabbad jaghmel hekk minn certu ‘Gino’ li ltaqa` mieghu Pozzallo u hallsu hames mitt ewro (€500) sabiex isuq din il-karozza ghal Malta oltre li hallaslu l-ispejjez ta` tragit.

Illi dina ma kinetx l-ewwel darba li l-imputat gab Malta karozza ta` certu lussu u cioe` Mercedes. Dana huwa kien ghamlu f’Gunju ta` din is-sena u l-istess, fuq

instruzzjonijiet u hlas ta` dan l-misterjuz ‘Gino’. Dina l-karozza kif ukoll il-BMW qatt ma gew ri-intraccati.

Illi l-ewwel ecezzjoni tad-difiza hija li l-imputat qatt ma jista` jinstab hati ta` ricettazzjoni, li biha huwa akkuzat a tenur tal-Artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta stante li l-vettura di quo qatt ma giet misruqa izda sempliciment mikrija minn terzi. Illi, ghalhekk, stante li ma kienx hemm serq, ma jistghax ikun hemm ricettazzjoni li liema akkuza hija derivanti minn serq.

Izda l-Qorti tfakkar lid-difiza fix-xhieda ta` Alice A. Pisano li xehdet li hija kienet ghamlet rapport ta` serq ta` dina l-vettura jew, ahjar, qabdet lill-kollega taghha sabiex taghmel rapport ta` serq tal-vettura BMW ghand il-Pulizija ta` Catania, Sqallija, kontra certu Luigi Armese. Illi, per di piu`, rapport iehor hbieb taghha gewwa Malta, Andrea Francesco Marino u Miriana Menta kkonfermaw dana r-rapport mal-Pulizija tax-Xatt, il-Belt, meta gew infurmati minn Pisano illi dina l-vettura kienet tinstab Malta. Dana gie maghruf stante il-GPS ta` dina l-vettura kien installat b’sistema ta` *satellite tracking*.
Illi, ghalhekk, jidher car u lampanti l-fatt illi dina l-vettura kienet giet, frawdalentement, mikrija lil certu Luigi Armese li, minflok irritornha lura, kif suppost li ghamel, ha pussess illegali taghha bl-intenzjoni cara li jisparixxieha billi hu jew terza persuna ohra, tramite l-imputat odjern, isifierha barra minn Sqallija u gewwa Malta sabiex din tisparixxi u jsir qliegh illegali fuqha permess tal-bejgh taghha illegali gewwa Malta. Minhabba dawn ir-ragunijiet, l-ewwel eccezzjoni tad-difiza ma treggix. Illi eccezzjoni ulterjuri tad-difiza hija li akkuza ta` ricettazzjoni, *per se*, ma jistghax ikollha l-aggravju tal-valur. Illi l-aggravju tal-valur hija limitata biss ghall-akkuza ta` serq. Dina l-eccezzjoni dina l-Qorti tiddeklina milli tiehu konjizzjoni taghha stante illi m’ghandiex rilevanza. L-akkuza ta` ricettazzjoni ma ggibx maghha l-aggravju b’valur izda huwa rilevanti biss ghal meta l-kawza tasal ghal meta ghandha tigi nflitta l-piena. Fil-fatt, l-akkuza ta` ricettazzjoni ma tinkludix l-aggravju ta` valur. Pero, jekk tinstab htija, l-valur tal-oggett

misruq ghandu jittiehed in konsiderazzjoni meta l-Qorti tigi biex tinfliggi l-piena.

Ghaliex dina l-Qorti qiedgha tiddeciedi li serq kien hemm. Il-mument illi t-terza persuna, li kriet il-karozza, babas il-*meters* u GPS tal-karozza sabiex dina ma tistax tigi ritraccata huwa l-mument illi fiha sehh is-serq ghaliex l-intenzjoni ovja tar-responsabbli kienet illi jisparixxi dina l-vettura sabiex dina qatt ma tkun tista` tigi ntraccata mis-sid legali taghha. Fil-fatt, saru rapport *ad hoc* ta` dan is-serq mill-Pulizija Taljana u dik maltija! Izda, il-Qorti ma tistghax issib lil Antonio Andolfo hati ta` serq kif akkuzat stante illi l-Prosekuzzjoni ma rnexxilhiex il-prova sufficjenti li turi li kien dan l-akkuzat li, materjalment, serq din il-vettura illi, ghalhekk, ghal dawn il-motivi, dina l-Qorti qedhga tillibera lill-imputat mill-ewwel imputazzjoni lilu addebitata u cioe` dik ta` serq.

Illi tibqa l-akkuza ta` ricettazzjoni. Id-difiza tipprova tintroduci dubbju ragonevoli dwar l-intenzjoni tal-imputat f'dan ir-rigward u cioe`:

1. Illi huwa kien ghamel xi haga simili f'Gunju ta` dina l-istess sena fejn huwa kien saq Mercedes minn go Pozzallo ghal Malta fuq instruzzjonijiet tal-misterjuz 'Gino' u hallieha pparkjatha fl-istess post fejn halla pparkjatha l-BMW, it-tnejn bic-cwievet go fiha. L-Avukat difensur ma jsib xejn stramb dwar dan l-agir waqt li jinforma l-Qorti bis-sistema internazzjonai ta` *roll on, roll off* fejn, f'diversi kazijiet ikun *driver* wiehed illi jsuq vettura barra minn pajjiz u jikkonsenja lill-*driver* iehor fil-pajjiz destinarju.
2. Illi, mill-mawra tieghu gewwa dina l-gzira f'Gunju, l-imputat kien jaf illi l-area tal-port fejn jisbarka l-katamaran huwa sorveljat b'diversi sistemi ta` CCTV *cameras*. Illi, nonostante dina l-informazzjoni huwa l-istess akkumpanja dina l-vettura gewwa Malta u hallieha pparkjata bic-cwievet gewwa fiha barra l-bibien tal-port kif istruwit jaghmel. Ergo, skont id-difiza, l-intenzjoni tal-patrocinat taghha kienet wahda ta` *bona fede*;

3. Illi qabel ma tella l-vettura fuq il-katamaran, l-imputat iccekkja l-vettura ghad-droga stante illi, qabel, huwa kellu *convictions* dwarha u ma sab xejn. Skont id-difiza dan l-agir juri li l-imputat ma kellu l-ebda idea li l-vettura kienet wahda ‘irregolari’ stante illi, f’mohhu, gieh biss il-hsieb li jiccekkja dwar droga.

Illi, pero, dawn l-argumenti tad-difiza ma jistghux ireggu u dana ghas-sussegwenti ragunijiet:

1. Illi lil ‘Gino’, l-imputat verament ma jghafux stante li, qabel dan l-incident, huwa kien iltaqa` mieghu darba biss. Ergo, wiehed isaqsi jista` jkun illi, lil dan is-sinjur ma giehx xi dubju dwar il-provenjenza ta` din il-vettura meta lanqas biss iccekkja fuq min hija intestata?

2. Illi l-imputat huwa stess jammetti li, meta ccekkja d-dokumenti gewwa l-vettura, huwa sab dokumenti ta` kiri ta` vettura u mhux *logbook*. Ergo, tigi wahedha l-mistoqsija: ‘Isma, din il-karozza mikrija, ghalfejn qed tittiehed Malta? Sejra Malta bil-kunsens ta` siddha?’

3. Illi l-imputat stess stqarr illi ma kienx jaf illi din il-vettura kienet armata b’sistema ta` *electronic tracking* u jista` jkun li hassu sikur b’din il-vettura f’idejh.

4. U, huwa possibli li, l-imputat ma hassux suspettuz meta, ghal darbtejn, huwa jinghata l-istruzzjonijiet illi l-vetturi li huwa ghabba mill-port ta` Pozzallo gewwa Sqallija ghal fuq il-katamaran li jwasslu ghal-port ta` Malta, dawn il-vetturi johroghom mill-*port area* u jipparkjahom bic-cwievet go fihom, fuq il-lemin tal-*gate* tal-bieb tal-port? Qatt ma saqsa ghaliex ma kellux jghati konsenja lill-individwu jew iehor kif, *del resto*, jaghmlu tal-*roll on, roll off*?

5. Illi l-imputat ghamel dan kollu ghal-hlas u l-hlas kien pjuttost sostanzjali ta` hames mitt ewro (€500) u l-ispejjez tal-vjagg. Possibli li l-imputat, jaf li qed jittrasporta vettura tal-kiri u cioe`, igorr, vettura li ma kienetx propjeta` ta` min kien qieghed jinkarigah, qatt ma habritu rasi li hemm xi

haga tinten? Hames mitt ewro (€500) ghall-vjagg ta` 1 ¼ u ritorn immedjat tal-istess hin minghajr ma jiltaqa` ma konsenjatarju ta` vettura tant ta` lussu?

Il-Qorti trid temmen il-verzjoni tal-imputat imma ma tistax u, ghall-motivi su esposti, qiedgha ssibu hati.

Illi, fir-rigward tal-piena, il-Qorti wara li hadet in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz, tolqota l-fatt illi dina mhix l-ewwel darba li dina l-operazzjoni saret u wisq tibza li dan qieghed isir regolarment u bla kontroll mill-awtoritajiet koncernati. Il-facilita` li biha l-imputat irnexxielu li jitlaq minn Sqallija b'vettura mikrija u jgibha gewwa Malta sabiex tingabar minn komplici hawn, juri:

1. Nuqqas ta` kontrolli adekwati u;

2. Cirku organizzat u specjalizzaat fis-serq ta` vetturi lussuzi li qiedghin jinbieghu illegalment fis-swieq internazzjonali.

Minhabba s-serjeta ta` dawn l-akkuzi, dina l-Qorti qiedgha tordna piena karcerarja effettiva ta` tlett (3) snin habs li minnhom ghandhom jitnaqqsu z-zmien illi l-imputat inzamm that arrest preventiv.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------